# FTEHIM
# DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI TAR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA U R-RUMANIJA FIŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA’ L-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA’ SPANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA’ ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'il quddiem magħrufin bħala "Stati Membri tal-KE",

L-IŻLANDA,

IL-PRINĊIPAT TA' LIECHTENSTEIN,

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA,

minn hawn 'il quddiem magħrufin bħala "Stati ta' l-EFTA",

flimkien magħrufin bħala "Partijiet Kontraenti Preżenti",

kif ukoll

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-RUMANIJA,

BILLI t-Trattat li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsemmi t-"Trattat ta' l-Adeżjoni") ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' April 2005;

BILLI, skond l-Artikolu 128 tal-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, iffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju 1992, kull Stat Ewropew li jsir membru tal-Komunità għandu japplika sabiex jagħmel parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsemmi l-"Ftehim taż-ŻEE");

BILLI r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija applikaw sabiex ikunu Partijiet Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE;

BILLI t-termini u l-kundizzjonijiet għal din il-parteċipazzjoni għandhom ikunu s-suġġett ta' Ftehim bejn il-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Istati applikanti,

IDDEĊIDEW li jikkonkludu l-Ftehim li ġej:

ARTIKOLU 1

1. Ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija hawnhekk isiru Partijiet Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE u għandhom minn hawn 'il quddiem jissemmew bħala l-"Partijiet Kontraenti Ġodda".

2. Mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE, kif emendati mid-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE adottat qabel l-1 ta' Ottubru 2004, għandhom jorbtu lill-Partijiet Kontraenti Ġodda bl-istess kundizzjonijiet bħall-Partijiet Kontraenti Preżenti u mat-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim.

3. L-Annessi ma' dan il-Ftehim jiffurmaw parti integrali minn dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 2

1. AĠĠUSTAMENTI FUQ IT-TEST EWLIENI TAL-FTEHIM taż-ŻEE

(a) Preambolu:

Il-lista tal-Partijiet Kontraenti għandha tinbidel ma' li ġej:

"IL-KOMUNITà EWROPEA,

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA’ L-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA’ SPANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA’ ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA’ L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA’ FUQ,

u

L-IŻLANDA,

IL-PRINĊIPAT TA’ LIECHTENSTEIN,

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA,”;

(b) Artikolu 2:

(i) fil-paragrafu (b), il-kliem "Repubblika ta'" għandhom jitħassru;

(ii) Il-paragrafu li ġej għandu jkun miżjud wara l-paragrafu (d):

"(e) it-terminu “Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta’ April 2005” għandu jfisser l-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta’ l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hi mwaqqfa l-Unjoni Ewropea, adottat fil-Lussemburgu fil-25 ta’ April 2005;

(f) it-terminu “Protokoll ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta’ April 2005” għandu jfisser il-Protokoll li jikkonċerna l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għad-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, adottat fil-Lussemburgu fil-25 ta’ April 2005.";

(ċ) Artikolu 117:

It-test ta' l-Artikolu 117 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"Dispożizzjonijiet li jiggvernaw il-Mekkaniżmi Finanzjarji huma stipulati fil-Protokoll 38, Protokoll 38a u l-Addendum għall-Protokoll 38a";

(d) Artikolu 126:

Fil-paragrafu 1, il-kliem "Repubblika ta'" għandhom jitħassru;

(e) Artikolu 129:

(i) It-tieni sotto-paragrafu ta’ paragrafu 1 għandu jinbidel ma' li ġej:

“Wara t-tkabbir taż-Żona Ekonomika Ewropea il-verżjonijiet ta’ dan il-Ftehim bl-ilsien Bulgaru, Ċek, Estonjan, Ungeriż, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Rumen, Slovakk u Sloven għandu jkun ugwalment awtentiku.”;

(ii) It-tielet sotto-paragrafu ta' paragrafu 1 għandu jinbidel ma' li ġej:

"It-testi ta' l-atti msemmija fl-Annessi huma ugwalment awtentiċi bil-ilsien Bulgaru, Ċek, Daniż, Olandiż, Ingliż, Estonjan, Finnlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ungeriż, Taljan, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol u Żvediż kif ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u għall-awtentikazzjoni tagħhom għandhom jitħejjew bl-islien Iżlandiż u Norveġiż u ppublikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.".

2. L-AĠĠUSTAMENTI FUQ IL-PROTOKOLLI TAL-FTEHIM TAŻ-ŻEE

(a) Il-Protokoll 4 dwar ir-regoli ta' oriġini għandu jkun emendat kif ġej:

(i) Fl-Artikolu 3(1), ir-referenza tal-Partijiet Ġodda Kuntrattanti għas-segwenti speċi għandhom jitħassru:

(ii) L-Anness IVa (Test tad-dikjarazzjoni tal-fatturat) għandu jkun emendat kif ġej:

(aa) Li ġej għandu jiddaħħal qabel il-verżjoni Spanjola tat-test tad-dikjarazzjoni tal-fatturat:

'Verżjoni Bulgara

Износителят на продуктите, обхванати от този документ (митническо разрешение № … (1)) декларира, че освен където е отбелязано друго, тези продукти са с преференциален произход … (2).';

(bb) Li ġej għandu jiddaħħal qabel il-verżjoni Slovena tat-test tad-dikjarazzjoni tal-fatturat:

'Verżjoni Rumena

Exportatorul produselor ce fac obiectul acestui document (autorizația vamală nr. …(1)) declară că, exceptând cazul în care în mod expres este indicat altfel, aceste produse sunt de origine preferențială … (2).';

(iii) L-Anness IVb (Test tad-dikjarazzjoni tal-fatturat EUR-MED) għandu jkun emendat kif ġej:

(aa) Li ġej għandu jiddaħħal qabel il-verżjoni Spanjola tat-test tad-dikjarazzjoni tal-fatturat EUR-MED:

'Verżjoni Bulgara

Износителят на продуктите, обхванати от този документ (митническоразрешение № … (1)) декларира, че освен където е отбелязано друго, тези продукти са с преференциален произход … (2).

– akkumulazzjoni applikata ma’ ... ... (isem tal-pajjiż/pajjiżi)

– ebda akkumulazzjoni applikata(3)';

(bb) Li ġej għandu jiddaħħal qabel il-verżjoni Slovena tat-test tad-dikjarazzjoni tal-fatturat EUR-MED:

'Verżjoni Rumena

Exportatorul produselor ce fac obiectul acestui document (autorizația vamală nr. …(1)) declară că, exceptând cazul în care în mod expres este indicat altfel, aceste produse sunt de origine preferențială … (2).

– akkumulazzjoni applikata ma’ ... ... (isem tal-pajjiż/pajjiżi)

– ebda akkumulazzjoni applikata(3)';

(b) Il-Protokoll 38a għandu jkun emendat kif ġej:

fl-Artikolu 4(3), il-kelma '"għandha"' għandha tiġi mibdula bil-kelma "tista'".

(ċ) Dan li ġej għandu jkun miżjud mal-Protokoll 38a:

'Addendum għall-Protokoll 38A
DWAR IL-MEKKANIŻMU FINANZJARJU TAŻ-ŻEE
GĦAR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA U R-RUMANIJA

ARTIKOLU 1

1. Il-Protocoll 38a għandu japplika mutatis mutandis għar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija.

2. Minkejja dan il-paragrafu 1, Artikolu 6 tal-Protokoll 38a ma japplikax. M'għandha tkun applikabbli ebda riallokazzjoni għal kwalunkwe Stat Benefiċjarju ieħor fil-każ ta' fondi disponibbli mhux impenjati tal-Bulgarija u r-Rumanija.

3. Minkejja l-paragrafu 1, Artikolu 7 tal-Protokoll 38a ma japplikax.

4. Minkejja l-paragrafu 1, kontribuzzjonijiet għal organizzazzjonijiet non-governativi u sħab soċjali jista' jammonta għal 90 fil-mija ta' l-ispejjeż tal-proġett.

ARTIKOLU 2

L-ammonti addizzjonali għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ser ikunu ta' EUR 21,5 miljun għar-Repubblika tal-Bulgarija u EUR 50,5 miljun għar-Rumanija matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2007 u t-30 ta' April 2009, inklużivi; isiru disponibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew bi ftehim biex il-Ftehim jiġi applikat b'mod proviżjonali u jkun disponibbli għal impenn f'parti unika fl-2007.

(a) It-test ta' Protokoll 44 għandu jinbidel ma' li ġej:

"DWAR IL-MEKKANIŻMI TA' SALVAGWARDJA
WARA T-TKABBIR TAŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

1. L-applikazzjoni ta' l-Artikolu 122 tal-Ftehim tal-Klawsola ta' Salvagwardja Ekonomika Ġenerali u l-mekkaniżmi ta' salvagwardja f'ċerti arranġamenti tranżitorji fil-Qasam tal-Moviment Ħieles tal-Persuni u Trasport tat-Triq

L-Artikolu 112 tal-Ftehim għandu jkun applikabbli wkoll fuq is-sitwazzjonijiet speċifikati jew imsemmija

(a) fid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 37 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003, u ta' l-Artikolu 36 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, tal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005, u

(b) fil-mekkaniżmi ta' salvagwardja fl-arranġamenti tranżitorji taħt l-intestaturi "Perjodi Tranżitorji" fl-Anness V (Moviment ħieles ta' ħaddiema) u l-Anness VIII (Id-dritt ta' stabbiliment), f'punt 30 (Id-direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ta' l-Anness XVIII (Is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, il-liġi tax-xogħol, u t-trattament ugwali bejn nisa u irġiel) u f'punt 26c (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3118/93) ta' l-Anness XIII (It-Trasport) bl-istess limiti taż-żmien, skop u effetti kif stabbilit f'dawk id-dispożizzjonijiet.

2. Klawsola għas-Salvagwardja tas-Suq Intern

Il-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet prevista fil-Ftehim għandha tkun applikabbli wkoll fuq deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 38 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2005, u ta' l-Artikolu 37 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, tal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005.".

ARTIKOLU 3

1. Kull emenda ta' atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Komunità inkorporati fil-Ftehm taż-ŻEE, li saru permezz ta' l-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tad-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, jew skond il-każ, il-Protokoll li jikkonċerna l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għad-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea huma b'dan inkoporati fil-Ftehim taż-ŻEE.

2. Għal dan il-għan, is-sotto-paragrafu li ġej huwa introdott fil-punti ta' l-Annessi u l-Protokolli mal-Ftehim taż-ŻEE li fih referenzi għall-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Komunità ikkonċernati:

"– 1 2005 SA: L-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hi mwaqqfa l-Unjoni Ewropea adottat fil-25 ta' April (ĠU L 157, 21.6.2005, p.203).".

3. Jekk u immedjatament wara li t-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa jidħol fis-seħħ, is-sotto-paragrafu li ġej għandu jibdel is-sotto-paragrafu imsemmi f'paragrafu 2:

"– 1 2005 SP: Il-Protokoll li jikkonċerna l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għad-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea adottat fil-25 ta' April (ĠU L 157, 21.6.2005, p. 29).".

4. Jekk is-sotto-paragrafu msemmi fil-paragrafu 2 jew 3 jkun l-ewwel sotto-paragrafu tal-punt in kwistjoni, għandu jiġi preċedut bil-kliem “, kif emendat skond:”.

5. L-Anness A għal dan il-ftehim jelenka l-punti fl-Annessi u l-Protokolli tal-Ftehim taż-ŻEE fejn it-test imsemmi f’paragrafi 2, 3 u 4 għandhom jiġu introdotti.

6. Fejn atti inkorporati mal-Ftehim taż-ŻEE qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim jeħtieġu adattamenti minħabba l-parteċipazzjoni tal-Partijiet Kontraenti Ġodda, u l-adattamenti meħtieġa ma jkunux ġew previsti f'dan il-Ftehim, dawk l-adattamenti ser jiġu indirizzati skond il-proċeduri stabbiliti fil-Ftehim taż-ŻEE.

## ARTIKOLU 4

1. L-arranġamenti fl-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għad-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija imsemmija fit-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea imsemmija fl-Anness B ta’ dan il-Ftehim huma b’dan inkorporati u parti mill-Ftehim taż-ŻEE.

2. Jekk u immedjatament wara li t-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa jidħol fis-seħħ, l-arranġamenti msemmija fl-Anness B għandhom jinftiehmu li jkunu saru mill-Protokoll li jikkonċerna l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għad-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea..

3. Kull arranġament ta’ relevanza għall-Ftehim taż-ŻEE msemmi jew adottat fuq il-bażi ta' l-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet għad-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, jew, skond il-każ, il-Protocoll dwar il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għad-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, li mhuwiex rifless fl-Anness B ta’ dan il-Ftehim, ser jiġi indirizzat skond il-proċeduri stabbiliti fil-Ftehim taż-ŻEE .

ARTIKOLU 5

Kull Parti ta’ dan il-Ftehim tista’ ttella’ kull kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tiegħu quddiem il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jeżamina l-kwistjoni sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għat-tħaddim tajjeb tal-Ftehim taż-ŻEE.

ARTIKOLU 6

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi rratifikat jew approvat mill-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Partijiet Kontraenti Ġodda skond il-proċeduri tagħhom stess. Dawn l-istrumenti ta’ ratifika jew approvazzjoni għandhom jiġu depożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea.

2. Dan jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara d-depożitu ta' l-aħħar istrument ta' ratifika jew approvazzjoni tal-Parti Kuntrattanti Preżenti jew Parit Kuntrattanti Ġdida, sakemm il-ftehimiet u l-protokolli relatati jidħlu fis-seħħ fl-istess jum.

(a) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp sostenibbli fil-Bulgarija;

(b) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp sostenibbli fir-Rumanija;

(c) Protokoll addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda wara d-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(d) Protokoll addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja wara d-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea.

ARTIKOLU 7

Dan il-Ftehim, imħejji f’kopja oriġinali waħda bl-ilsien Bulgaru, Ċek, Estonjan, Finnlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ingliż, Latvjan, Litwan, Malti, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Taljan, Ungeriż, Żvediż, Iżlandiż u Norveġiż, bit-test f’kull wieħed minn dawn l-ilsna jkun ugwalment awtentiku, għandu jiġi ddepożitat mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea, li ser jibgħat kopja ċċertifikata lil kull wieħed mill-Gvernijiet tal-Partijiet ta’ dan il-Ftehim.